MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 179/2011

**Vincent Mallia**

**Vs**

**Ministeru ta' l-Intern u Affarijiet Parlamentari u Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Vincent Mallia fl-20 ta' Lulju 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara, in linja ta' revizjoni, li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 1 ta' Lulju 2011 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors; (ii) jordna lill-Ministeru ta' l-Intern u Affarijiet Parlamentari u lill-Kummissarju tal-Pulizija jew min minnhom sabiex johorgu licenza ta' Gwardjan Privat favur tieghu; u (iii) jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi; bl-ispejjez kontra l-Ministeru ta' l-Intern u Affarijiet Parlamentari u l-Kummissarju tal-Pulizija, jew min minnhom;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “A”, Dok. “B” u Dok. “C” a fol. 5 sa’ 7 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari u tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta’ liema jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) in linea preliminari l-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari ma huwiex il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri stante li d-decizjoni dwar jekk ir-Rikorrent ghandux jinghata licenza ta’ Gwardjan Privat jew le ma hijiex kompetenza tieghu u fil-fatt lanqas huwa edott mill-fatti tal-kaz in ezami, u b’hekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) fil-meritu, il-Kummissarju tal-Pulizija jissottometti li t-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent fir-Rikors promotur, kien hemm ragunijiet validi u b’sahhithom bizzejjed biex jiggustifikaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jaghtix licenza ta’ Gwardjan Privat lir-Rikorrent;

Ra n-Nota ta’ l-intimati pprezentata fil-5 ta’ Ottubru 2011 permezz ta’ liema jindikaw ir-ragunijiet in bazi ghal liema l-Kummissarju tal-Pulizija ma harigtx licenza ta’ Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent u ra l-fedina penali tar-Rikorrent annessa ma’ l-isemmija Nota markata Dok. “A” a fol.26 u 27 tal-process;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent markat Dok. “VM1” a fol. 29 sa’ 31 tal-process, sema’ x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2011[1], ix-xhieda ta’ Mark Manfrè moghtija waqt is-seduta tas-16 ta’ Jannar 2012[2] u x-xhieda ta’ l-Ispettur Edel Mary Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Frar 2012[3];

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ipprezentata mir-Rikorrent a fol. 45 sa’ 54 tal-process u n-Nota ta’ Sottomissjonijiet

[1] Fol. 33 tal-process.
[2] Fol. 36 u 37 tal-process.
[3] Fol. 40 sa’ 43 tal-process.

Responsiva pprezentata mill-intimati a fol. 56 sa’ 60 tal-process;

Ra l-atti tal-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, notifikata lilu b’ittra datata 1 ta’ Lulju 2011, li ma jilqax it-talba tieghu ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat. Bl-imsemmija ittra r-Rikorrent gie infurmat li *b’referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta’ Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi t-talba tieghek ma tistax tigi milqugha skond l-artikolu 10(b) ta’ l-Att XIII ta’ l-1996 (fl-interess pubbliku)*[4]*.* Huwa jikkontendi li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija *wahda ingusta, irragjonevoli u ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata*[5] u ghalhekk ghandha tigi revokata u l-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari u/jew il-Kummissarju tal-Pulizija jigi ordnat johrog licenza ta’ Gwardjan Privat favur tieghu.

Da parte taghhom l-intimati jopponu ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitolbu li l-istess jigu michuda: (i) fil-konfront tal-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari ghaliex il-Ministeru ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent peress illi ai termini tal-Ligi d-decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta’ licenzi ta’ Gwardjani Privati huma kompetenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhux tieghu, u (ii) fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex id-decizjoni tieghu hija gusta u timmerita konferma stante li hemm ragunijiet validi u b’sahhithom bizzejjed biex jiggustifikaw ic-cahda tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat favur tieghu.

It-Tribunal se jittratta l-ewwel l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u cioè l-eccezzjoni li l-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari mhux il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent f' dawn il-proceduri u

---

[4] Dok. “B” a fol. 6 tal-process.
[5] Rikors promotur, fol. 1 u 2 tal-process.

konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ai termini ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta *kull persuna li tkun trid tikseb licenza bhala agenzija ta’ gwardjani privati jew bhala gwardjan privat ghandha taghmel applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju* (il-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Artikolu 2 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta.) Minn diversi artikoli ohra ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, senjatament l-Artikoli 7, 8 u partikolarment 9, jirrizulta ferm car li talba ghall-hrug ta’ licenza ta’ Agenzija ta’ Gwardjani Privati jew ta’ Gwardjan Privat, skont il-kaz, tigi kkunsidrata u deciza esklussivament mill-Kummissarju tal-Pulizija. In effetti l-Artikolu 9 tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *wara li jkun ikkunsidra l-applikazzjoni maghmula u kull oggezzjonijiet ricevuti taht l-artikolu 8 ta’ dan l-Att il-Kummissarju ghandu fi zmien erba’ gimghat mill-gheluq tax-xahar imsemmi fl-artikolu 8(1) – (a) jew johrog licenza ghall-applikant biex jahdem ta’ agenzija ta’ gwardjani privati jew ta’ gwardjan privat; jew (b) jirrifjuta l-applikazzjoni*[6].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car ghalhekk li l-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari bl-ebda mod ma jidhol fl-ipprocessar, konsiderazzjoni u decizjoni dwar talba ghall-hrug ta’ licenza ta’ Agenzija ta’ Gwardjani Privati jew ta’ Gwardjan Privat, skont il-kaz, u konsegwentement ghalhekk l-istess Ministeru ma huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u kif minnu gustament eccepit ghandu jigi liberat mill-osservanza tala-gudizzju.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa li t-talbiet imressqa mir-Rikorrent quddiem dan it-Tribunal jigu trattati fil-meritu.

Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 1 ta’ Lulju 2011, fuq zewg aspetti: (i) *the duty to give*

[6] Sottlinear tat-Tribunal.

*reasons*, li skontu ma gietx osservata mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-ghoti tad-decizjoni tieghu; u (ii) l-irragonevolezza tad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Dwar l-aspett ta' *the duty to give reasons* ir-Rikorrent jikkontendi li *l-Artikolu 11(1) fejn jitkellem dwar il-fatt li ma hemmx bzonn li l-Kummissarju jaghti ragunijiet meta jirrifjuta l-ghoti ta' licenzja jekk huwa tal-fehma li dan mhux fl-interess pubbliku jmur kontra l-principju tal-gustizzja naturali hekk kif stipulat fil-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-esponenti jinnota fid-decizjoni datata 1 ta' Lulju 2011 ma hemm l-ebda ragunijiet moghtija ghall-istess decizjoni. Inkredibilment dan in-nuqqas huwa avvallat mill-ligi stess (Art. 11(1) hawn fuq ikkwotat) izda dan imur kontra l-principju li entità amministrattiva ghandha d-dmir li taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha (the duty to give reasons). Fis-sentenza Ingliza Ridge v. Baldwin ([1964] AC 40) 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala 'a rule of universal application'. Lord Loreburn identfika dan il-principju fil-kawza Board of Education v. Rice ([1911] AC 179) u afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali* ***'is a duty lying upon everone who decides anything'****. In oltre, Wade and Forsyth fil-ktieb "Administrative Law" [(10th edn, OUP 200) pg. 408] jghidu hekk: 'Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties'. … Illi minkejja l-fatt li l-ligi in kwistjoni tghid li l-awtorità amministrattiva tista' ma taghtix ragunijiet dan ma jfissirx li dan huwa agir skont il-gustizzja naturali u skont l-Artikoli tal-Kap.490*[7]*.*

In risposta ghal dak sottomess mir-Rikorrent l-intimati jikkontendu li *fir-rigward ta' l-ghoti ta' raguni ghad-decizjoni, l-attur isemmi fost affarijiet ohra, l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, precizament il-proviso ta' l-Artikolu 11(1) li jghid illi "f'kaz ta' rifjut taht l-artikolu 10(b), ikun bizzejjed li jiddikjara li l-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku" u jghid ukoll illi dan il-proviso, skont hu, jillegittima nuqqas u jmur kontra d-duty to give*

[7] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 45 sa' 54 tal-process.

*reasons. Illi fid-dawl ta' dan il-proviso, u minghajr pregudizzju, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrleva illi l-ittra ta' rifjut li intbaghtet lill-attur fl-1 ta' Lulju 2011, gialadarba din intbaghtet abbazi tas-subartikolu 10(b) tal-Kapitolu 389, hija fil-fatt konformi mar-rekwiziti tal-ligi, u ghalhekk, minn naha tieghu l-esponent ma jistax jinstab responsabbli ta' xi nuqqas fir-rigward, ghaliex hu dejjem mexa fil-limiti imposti fuqu mill-ligi, u meta gejna ghall-proceduri quddiem it-Tribunal, l-informazzjoni kollha u anke r-ragunijiet gew moghtija lill-attur mill-bidu, minghajr ebda esitazzjoni, u dan sabiex ikollu kull opportunità sabiex jiddefendi ruhu, kif fil-fatt ghamel*. *Illi jekk l-attur se jargumenta illi din il-ligi fiha nfisha ma hix konformi mal-principji tal-gustizja naturali, allura din l-allegazzjoni ma tistax tigi diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija stante li dan ma ghandux poteri legislattivi. Ghal kull buon fini, u in risposta ghal dan l-argument ta' l-attur, jigi sottomess illi fil-ktieb ta'* ***Wade & Forsyth, Administrative Law, ninth edition,*** *jinghad illi "the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions"*[8].

It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li fil-ktieb ta' Wade & Forsyth **Administrative Law**, li jittratta dwar id-Dritt Amministrattiv Ingliz u l-izviluppi li saru fih tul is-snin u li l-partijiet kontendenti jaghmlu referenza ghalih fis-sottomissjonijiet taghhom, l-osservazzjonijiet fir-rigward tal-aspett dwar *reasons for decisions* ma humiex limitati biss ghac-citazzjoni moghtija mill-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghhom, u cioè li *"the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions"*. L-osservazzjonijiet f'dak il-ktieb, li jirriflettu l-izviluppi li qed isiru fid-Dritt Amministrattiv Ingliz u li fil-fehma tat-Tribunal ghandhom jigu segwiti mill-vicin fid-Dritt Amministrattiv nostrali, huma ferm iktar wiesgha minn hekk tant illi l-principju guridiku ahhari li jirrizulta minnhom in verità jikkonforta – ghall-inqas sa' certu punt – is-sottomissjoni tar-Rikorrent li decizjoni amministrattiva li fiha ma

[8] Paras. 4, 5 u 6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-intimati fol. 56 sa' 60 tal-process.

jinghatawx ir-raguni jew ragunijiet li tkun ibbazata fuqhom tista' tigi impunjata b'success fis-stadju ta' revizjoni.

Kuntrarjament ghal dak affermat mill-intimati l-posizzjoni attwali fid-Dritt Amministrattiv Ingliz dwar *reasons for decisions*, liema posizzjoni giet ampjament esposta minn Wade & Forsyth fl-imsemmi ktieb **Administrative Law**, u li fil-fehma tat-Tribunal ghandha tipprevali wkoll fid-Dritt Amministrattiv nostrali hija: *the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. <u>Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice</u>. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. <u>A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review</u>. <u>Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others</u>. "No single factor has inhibited the development of English administrative law as seriously as the absence of any general obligation upon public authorities to give reasons for their decisions. … <u>Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully</u>. The House of Lords has recognised "a perceptible trend towards an insistence on greater openness … or transparency in the making of administrative decisions" and consequently has held that where, in the context of the case, it is unfair not to give reasons, they must be given. … An important consideration underlying the extension of the duty to give reasons, referred to in many cases, is that in the absence of reasons the person affected may be unable to judge*

*whether there has been "a justiciable flaw in the [decision making] process"; and thus whether an appeal, if available, should be instituted or an application for judicial review made. Since today there are few exercises of governmental power which are not subject to judicial review, it will be rare that a person affected by a decision – for which reasons were not given – will not be able to say that the absence of reasons has denied him effective recourse to judicial review. A general duty to give reasons is latent in this argument; and the courts seem willing to see sufficient weight given to it to enable such a duty to develop. … <u>The time has now surely come for the court to acknowledge that there is a general rule that reasons should be given for decisions, based on the principle of fairness which permeates administrative law, subject only to specific exceptions to be identified as cases arise. Such a rule should not be unduly onerous, since reasons need never be more elaborate than the nature of the case admits, but the presumption should be in favour of giving reasons, rather than, as at present, in favour of withholding them</u>[9].*

Minkejja l-fatt li *the duty to give reasons* qed tassumi ferm iktar rilevanza w importanza fid-Dritt Amministrattiv, it-Tribunal jifhem li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn Awtorità pubblika tkun marbuta dwar kemm tista' taghti ragunijiet dettaljati ghal decizjoni partikolari taghha u sitwazzjoni li tinvolvi l-harsien ta' l-interess pubbliku certament hija cirkostanza fejn, ghad illi l-Awtorità koncernata tindika li tkun qed tibbaza decizjoni partikolari taghha fuq konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku ma tidholx fid-dettal dwar tali konsiderazzjonijiet. Kwindi l-fatt wahdu li Awtorità pubblika tindika l-interess pubbliku bhala l-bazi ta' decizjoni taghha minghajr ma tidhol f'iktar dettal minn hekk, hekk kif gara fil-kaz in ezami, mhux necessarjament iwassal biex dik id-decizjoni titqies invalida, ghaliex mhux debitament imsejsa fuq ragunijiet, u konsegwentement tigi revokata. Kemm-il darba fil-kwadru generali tas-sitwazzjoni jinzamm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt ta' l-individwu effettwat b'dik id-decizjoni, fejn dan ta'

[9] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 436 sa' 439. Sottolinear tat-Tribunal.

l-ahhar jinghata d-dritt jikkontesta d-decizjoni u fl-istadju tal-kontestazzjoni jkun hemm *full disclosure* da parte ta' l-Awtorità pubblika tal-konsiderazzjonijiet fl-interess pubbliku li attwalment wasslu ghal dik id-decizjoni, it-Tribunal iqis li id-decizjoni kontestata ma ghandhiex tigi revokata b'mod sommarju in bazi ghan-nuqqas ta' l-ghoti ta' ragunijiet dettaljati izda l-validità o meno taghha ghandha tigi kkunsidrata f'iktar dettal u fil-meritu.

Fil-fehma tat-Tribunal l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, johloq tali bilanc bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tal-persuna effettwata bid-decizjoni tal-Kummissarju taltaghha -Pulizija li jichad it-talba ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku. Fil-fatt ghalkemm l-Artikolu 11(1) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *f'kaz ta' rifjut taht l-artikolu 10(b) jkun bizzejjed li jiddikjara li l-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku*, is-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu tal-Ligi jipprovdi li *l-Kummissarju ghandu, fil-kaz ta' rifjut fl-interess pubbliku, izomm kopja ta' dak ir-rifjut u r-raguni ghalih, ghat-trasmissjoni futura possibbli lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, jekk l-applikant jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju*.

Naturalment il-fatt li l-Att innifsu johloq tali bilanc bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet ta' l-applikant li t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat tkun giet michuda fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku, ma huwiex sufficjenti biex id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tghaddi mit-*test* tad-*duty to give reasons.* Fil-fehma tat-Tribunal biex id-decizjoni kontestata titqies li tissodisfa *the duty to give reasons* il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jattwa fil-prattika dak il-bilanc ikkrejat mill-Ligi w una volta li d-decizjoni tieghu tigi kkontestata quddiem dan it-Tribunal jaghmel disponibbli ghall-appellant u ghat-Tribunal *kopja ta' dak ir-rifjut u r-raguni ghalih*.

Fil-kaz in ezami kien hemm *disclosure* tar-ragunijiet fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija sejjes ir-rifjut tieghu ghat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat u dana billi b'Nota pprezentata fil-5 ta' Ottubru 2011, l-intimati indikaw ir-ragunijiet vari u konkreti ghar-

rifjut imsemmi. Ir-Rikorrent ghalhekk tqieghed f’posizzjoni li jiddefendi lilu nnfisu kontra id-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tieghu u b’hekk seta’ jressaq, u fil-fatt ressaq provi in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu ghal dik id-decizjoni. Ghaldaqstant, minn dan l-aspett il-Kummissarju tal-Pulizija agixxa entro il-parametri imposti fuqu bil-Ligi u fl-istess hin irrispetta l-bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt tar-Rikorrent li jkun jaf ir-raguni/ragunijiet ezatti in bazi ghal liema t-talba tieghu ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat giet michuda biex b’hekk seta’ jiddefendi ruhu kontra l-konsiderazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu mill-Kummissarju.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat u fl-assjem tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, it-Tribunal ma jqisx li ghandu jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent b’ittra datata 1 ta’ Lulju 2011, in bazi ghall-aggravju sollevat mir-Rikorrent li l-istess Kummissarju naqas mid-*duty to give reasons*.

Bla pregudizzju ghal dak kollu appena osservat però, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu, ai termini ta’ l-Artikolu 11(2) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, **l-obbligu** li hekk kif jigi interpost appell minn rifjut tieghu li jilqa’ talba ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389, **minn jeddu jaghmel disponibbli kopja ta’ dak ir-rifjut u r-raguni ghalih** minghajr il-bzonn ta’ intervent da parte tat-Tribunal li jordna li tali ragunijiet jigu pprezentati fl-atti tal-proceduri. Fil-fehma tat-Tribunal il-mod korrett u gust ta’ kif ghandha tigi interpretata d-disposizzjoni tal-Ligi fl-Artikolu 11(2) tal-Kap.389 hi li **mar-Risposta** tieghu l-Kummissarju tal-Pulizija jipprezenta kopja tar-rifjut u r-raguni ghalih biex b’hekk fi stadju kemm jista’ jkun bikri tal-proceduri l-appellant jitqieghed f’posizzjoni li jiddefendi ruhu b’mod adegwat kontra d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu.

Stabbilit li fil-kaz in ezami ma hemmx lok li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent b’ittra datata 1 ta’ Lulju 2011, tigi revokata minhabba nuqqas ta’

ragunijiet moghtija fid-decizjoni nfisha, jehtieg issa jigi determinat jekk fic-cirkostanzi tal-kaz id-decizjoni tal-Kummissarju hijiex ragjonevoli u kwindi valida jew inkella le.

Min-Nota pprezentata mill-intimati fil-5 ta' Ottubru 2011, jirrizulta li r-raguni fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija bbaza r-rifjut tieghu ghat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat kienet illi *l-attur Vincent Mallia fil-passat kien instab hati ta' diversi offizi, inkluz il-pussess ta' arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan dejjem f'postijiet ta' divertiment, pussess ta' droga u aktar gravi minn hekk fis-sittax (16) ta' Lulju 1984, l-imsemmi Vincent Mallia kien gie misjub hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Butler fil-lejl ta' bejn id-dsatax (19) u l-ghoxrin (20) ta' Dicembru 1981. Illi tenut kont ta' dan, meta wiehed iqis l-import u s-sinifikat tal-hrug ta' tali licenza, l-esponent Kummissarju hass li kien fl-interess pubbliku li licenza ta' dan it-tip ma tinharigtx lill-imsemmi Vincent Mallia, u dan peress illi ma hassx li l-attur huwa ta' karattur affidabbli bizzejjed biex ikollu fil-pussess tieghu licenza ta' gwardjan privat*[10]*.* Li din kienet ir-raguni in bazi ghal liema l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat ai termini ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkonfermat mill-Ispettur Edel Mary Camilleri meta xehdet waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[11].

Ir-Rikorrent jikkontendi li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghal konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku hija rragjonevoli ghaliex mill-provi kollha prodotti jirrizulta li *l-ahhar kundanna* [fil-konfront tieghu] *ghalhekk tirrisali ghal kwasi 30 sena ilu! Mill-fedina penali stess wiehed jista' jara li l-kondotta tar-rikorrenti hija nadifa u ilha hekk ghal tletin sena. … Id-decizjoni tal-Kummissarju, mehuda fl-interess pubbliku izda minghajr ma ta ebda raguni, hija bbazata totalment fuq fedina penali fejn l-ahhar reat jirrisali ghal iktar minn tletin [30]*

[10] Paras. 2 u 3 tan-Nota, fol. 24 u 25 tal-process.
[11] Fol. 40 sa' 43 tal-process.

*sena ilu [Ara kontro-ezami ta' l-Ispettur M.E. Camilleri]. Il-Kummissarju ma ta ebda piz dak li sehh fil-hajja lavorattiva ta' l-esponent minn dakinhar 'l hawn. Huwa beda jokkupa x-xoghol ta' security, xoghol ta' certu responsabbilità [Ara deposizzjoni ta' Mark Manfrè]. Kieku kellu xi problemi fuq ix-xoghol relatati mal-passat tieghu huwa ma kienx izomm din il-posizzjoni u kien jigi mkecci mix-xoghol minghajr ebda dubbju. Però dan ma giex ikkonsidrat mill-Kummissarju intimat. L-esponent fl-affidavit tieghu jghid, li meta kien sar is-Summit f'Malta bejn Bush u Gorbachov huwa kellu rwol attiv fis-sigurtà tal-Freeport, tant li l-Pulizija kollha li kien hemm, riedu jghaddu minn taht l-iskrutinju tieghu u tal-kollegi tieghu li kienu jahdmu hemm. … Il-Kummissarju ta kaz biss il-fedina penali ta' l-esponent minghajr ma accerta ruhu qabel li l-esponenti kien fil-fatt jokkupa karigi simili tul il-hajja lavorattiva tieghu. Hajja lavorattiva li hija assikurazzjoni li l-esponent ma ghadux l-istess bniedem li kkommetta dawk ir-reati kwasi tletin sena ilu*[12].

L-intimati da parte taghhom jikkontendu li *fir-rigward ta' l-interess pubbliku, jinghad illi l-esponent Kummssarju tal-Pulizija hass illi persuna li kellha dak it-tip ta' offizi fil-fedina penali taghha, u li anke wettqet l-istess offizi fuq medda ta' ghaxar snin, ma hix persuna idonea sabiex taghmel ix-xoghol ta' Gwardjan Privat. Il-Kummissarju, wara li johrog il-licenzja, ma ghandu l-ebda kontroll fejn se jintbaghat jahdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruhu. L-attur, permezz ta' l-affidavit tieghu, aktar kompla jaghti ragun lill-Kummissarju, ghaliex meta ddeskriva l-incidenti li safa' fihom, wera li f'certi sitwazzjonijiet isibha difficli biex izomm il-kalma. Barra minn hekk, jekk fl-incident li gie kkundannat ghalih fl-1984, verament agixxa biex jiddefendi lilu nnfisu, il-Qorti ma kinitx se ssibu hati li kkaguna feriti fuq haddiehor izda kienet tqis li tali azzjonijiet kienu gustifikati u kien jigi lliberat. Dan l-Onorabbli Tribunal, b'kull rispett, irid iqis ukoll il-fatt illi l-Kummissarju, meta jigi biex johrog licenzja, ghandu certa responsabilità li jara li l-persuna li se tinghata tali licenzja tkun kapaci tahdem f'dan ix-xoghol*

[12] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 45 sa' 54 tal-process.

*minghajr ma tkun ta' periklu ghal haddiehor f'certi sitwazzjonijiet li jistghu jiltaqghu mahhom Gwardjani Privati fil-qadi ta' dmirijiethom. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dottor Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' Dicembru 1993****, il-Qorti qalet illi "l-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalità tac-cittadini, ta' l-universalità tal-pubbliku fl-istat". Dan huwa relevanti ghall-kaz odjern ghaliex juri kemm id-decizjoni tal-Kummissarju kienet verament fl-interess pubbliku, ghaliex biex wasal ghad-decizjoni tieghu, hu kkonsidra verament l-interess tac-cittadin in generali*[13].

Wara illi qies il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet kontendenti, it-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku ma hijiex ragjonevoli.

Huwa principju guridiku assodat fid-Dritt Amministrattiv li *a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*[14].

Decizjoni ta' Awtorità pubblika tista' tirrizulta mhux ragonevoli meta l-entità li tkun tat dik id-decizjoni tkun hadet konsiderazzjoni ta' cirkostanzi u/jew fatti irrelevanti, tkun naqset li tiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi u/jew fatti rilevanti jew tkun applikat il-Ligi b'mod zbaljat ghall-kaz jew talba kkunsidrati minnha. F'tali rigward fil-ktieb **Administrative Law** ta' Wade & Forsyth jinghad li *there are many cases in which a public authority has been held to have acted from improper motives or upon irrelevant considerations, or to have failed to take account of*

---

[13] Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-intimati a fol. 56 sa' 60 tal-process.
[14] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295. Sottolinear tat-Tribunal.

*relevant considerations, so that its action is ultra vires and void. … Lord Esher MR stated the "irrelevant considerations" doctrine in a case where a vestry had mistakenly fixed the pension of a retiring officer on the erroneous assumption that they had no discretion as to the amount: "But they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion." The doctrine applies equally to failure to take account of some consideration which is necessarily relevant, such as the respective costs of rival proposals or the availability of more suitable land. Cooke J explained in a New Zealand case that 'the more general and the more obviously important the consideration, the readier the court must be to hold that Parliament must have meant it to be taken into account.' … A decision to take into account (or not take into account) a permissible consideration will only be able to be challenged on Wednesbury grounds*[15].

Dawk maghrufin fid-Dritt Amministrattiv Ingliz bhala Wednesbury grounds gew esposti fis-sentenza fl-ismijiet **Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation** ([1948] 1 KB 223 at 229) fejn Lord Greene MR osserva li: *it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be*

[15] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 321 u 322.

*acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red-haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[16] Fir-rigward tal-bran appena citat jinsab osservat fil-ktieb **Administrative Law** illi *this has become the most frequently cited passage (though most commonly cited only by its nickname) in administrative law. It explains how 'unresonableness' in its classic rule of reason formulation, covers a multitude of sins. These various errors commonly result from paying too much attention to the mere words of the Act and too little to its general scheme and purpose, and from the fallacy that unrestricted language naturally confers unfettered discretion. The rule of reason has thus become a generalised rubric covering not only sheer absurdity or caprice, but merging into illegitimate motives and purposes, a wide category of errors commonly described as 'irrelevant considerations', and mistakes and misunderstandings which can be classed as self-misdirection, or addressing oneself to the wrong question*[17].

Minn dak kollu appena osservat jirrizulta kkonfermat illi meta Awtorità pubblika tonqos milli tiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi u/jew fatti rilevanti ghall-kaz jew talba quddiemha, id-decizjoni finali taghha ma tistax titqies li tkun wahda ragonevoli. Fil-fehma tat-Tribunal huwa proprio f'dan l-aspett li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku tippekka u hija *unreasonable* u li konsegwentement ghalhekk ghandha tigi michuda.

---

[16] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[17] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303 u 304.

Kemm min-Nota pprezentata mill-intimati fil-5 ta’ Ottubru 2011[18] kif ukoll mix-xhieda ta’ l-Ispettur Edel Mary Camilleri[19] jirrizulta b’mod car li fil-konsiderazzjonijiet li ghamel dwar it-talba tar-Rikorrent il-Kummissarju tal-Pulizija strah esklussivament fuq dak li rrizulta mill-fedina penali[20] tar-Rikorrent, li tittratta dwar reati mwettqa tletin ilu, minghajr però ma ha in konsiderazzjoni l-fatt li fuq medda ta’ tletin sena l-istess Rikorrent ma wettaq ebda reat kriminali iehor u li huwa persuna li kien u ghadu impjegat bhala *security guard* u meqjus minn min ihaddmu bhala persuna ferm affidabbli.

Il-fatt li r-Rikorrent ma wettaq ebda reat kriminali iehor minn Dicembru 1981 'l hawn jirrizulta kkonfermat mill-istess fedina penali tar-Rikorrent esebita mill-intimati flimkien man-Nota taghhom tal-5 ta’ Ottubru 2011 u l-affidabilità tieghu fuq ix-xoghol li, jigi ribadit huwa ta’ *security guard*, tirrizulta konfermata mid-dokument Dok. “C” anness mar-Rikors promotur a fol. 7 tal-process u mix-xhieda ta’ Mark Manfrè moghtija waqt is-seduta tas-16 ta’ Jannar 2012[21]. Dawn iz-zewg fatturi hekk debitament ippruvati ghal kollox jikkontradicu l-affermazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li fid-dawl ta’ dak li rrizulta mill-fedina penali tar-Rikorrent huwa ma huwiex ta’ karattru affidabbli bizzejjed biex ikollu fil-pussess tieghu licenza ta’ Gwardjan Privat. Anke jekk wiehed kellu jistrih biss fuq dak li jirrizulta mill-fedina penali tar-Rikorrent it-Tribunal jsibha ferm difficli jaccetta l-osservazzjonijiet u konsegwenti decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala ragonevoli meta minn dik l-istess fedina jirrizulta li l-ahhar reat li wettaq ir-Rikorrent kien fid-19 ta' Dicembru 1981 u ma rrizultax li minn dak iz-zmien 'l hawn huwa wettaq reati ohra.

Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom l-intimati jikkontendu wkoll li *permezz ta’ l-affidavit tieghu* [ir-Rikorrent] *aktar kompla jaghti raguni lill-Kummissarju, ghaliex meta ddeskriva l-incidenti li safa’ fihom, wera li*

[18] Fol. 24 u 25 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Frar 2012, fol. 40 sa’ 43 tal-process.
[20] Dok. “A” a fol. 26 u 27 tal-process.
[21] Fol. 36 tal-process.

*f'certi sitwazzjonijiet isibha difficili biex izomm il-kalma*[22]. It-Tribunal assolutament ma jistax jifhem kif il-Kummissarju tal-Pulizija jista' ragonevolment jasal ghal tali konkluzzjoni u jippretendi li l-istess tigi accettata bhala raguni valida ghar-rifjut tat-talba tar-Rikorrent fuq il-bazi ta' l-interess pubbliku, meta, jigi ribadit, jirrizulta bic-car li minn Dicembru 1981 'l hawn ir-Rikorrent ma wettaq ebda reat kriminali iehor u lanqas ma irrizultaw incidenti li juru li *isibha difficli biex izomm il-kalma.* L-unika haga li tirrizulta b'mod car hi li r-Rikorrent tghallem mill-izbalji li ghamel u rriforma ruhu u wera bic-car li huwa persuna affidabbli u li certament ma huwa ta' ebda perikolu ghall-interess pubbliku.

L-intimati jaghmlu enfasi qawwija fuq ir-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna mwettaq mir-Rikorrent fid-19 ta' Dicembru 1981 bhala raguni valida ghalfejn ghall-harsien ta' l-interess pubbliku r-Rikorrent ma ghandux jinghata licenza ta' Gwardjan Privat u addirittura jikkontendu li dan ir-reat ghal kollox jipprekludi lir-Rikorrent milli qatt ikollu licenza ta' Gwardjan Privat, aspett dan li però se jigi trattat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza.  Fir-rigward ta' dan ir-reat fil-kuntest ta' l-interess pubbliku l-intimati jikkontendu li *jekk fl-incident li gie kkundannat ghalih fl-1984, verament agixxa biex jiddefendi lilu nnfisu, il-Qorti ma kinitx se ssibu hati li kkaguna feriti fuq haddiehor izda kienet tqis li tali azzjonijiet kienu gustifikati u kien jigi illiberat*[23]. Madanakollu però hawn ukoll il- Kummissarju tal-Pulizija ghamel apprezzament ghal kollox zbaljat tal-fatti li kellu quddiemu ghaliex huwa evidentement ikkonsidra biss l-akkuza dak iz-zmien dedotta fil-konfront tar-Rikorrent u l-fatt li giet pronuncjata sentenza fil-konfront tieghu mill-Qorti ta' kompetenza kriminali relattiva minghajr però ma kkonsidra l-import attwali ta' dik is-sentenza.

Mill-fedina penali tar-Rikorrent jirrizulta b'mod car li ghar-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna gie applikat fil-konfront tieghu *Sec. 9 of act 12/57 for a period of 1 year*. L-Att XII ta' l-1957 kien l-Att li Jahseb dwar il-"Probation" ta' Hatjin u l-Artikolu 9 ta' dan l-Att, u senjatament is-subartikolu (1),

[22] Fol. 56 sa' 60 tal-process.
[23] Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva a fol. 56 sa' 60 tal-process.

kien jipprovdi *where a Court by or before which a person is convicted of an offence (not being an offence punishable with death or an offence which, apart from any increase of punishment in view of continuity or previous convictions, is punishable with hard labour or imprisonment for a term exceeding ten years) is of the opinion that, having regard to the circumstances including the nature of the offence and the character of the offender, it is inexpedient to inflict punishment and that a probation order is not appropriate, the Court may make an order discharging him absolutely, or if the Court thinks fit, discharging him subject to the condition that he commits no offence during such period, not exceeding three years from the date of the order, as may be specified therein.*

B'hekk ladarba mill-fedina penali tar-Rikorrent jirrizulta li bis-sahha tas-sentenza tas-16 ta' Gunju 1984 ghall-akkuza ta' offiza gravi fuq il-persuna gie applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957, jirrizulta li huwa gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor ghall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza. Fir-rigward tal-liberazzjoni bla kondizzjoni jew kondizzjonali l-Att XII ta' l-1957 fl-Artikolu 12(1) kien jipprovdi li *subject as hereinafter provided, a conviction of an offence for which an order is made under this Act placing the offender on probation or discharging him absolutely or conditionally shall be deemed not to be a conviction for any purpose whatsoever other than the purposes of the proceedings in which the order is made and of any subsequent proceedings which may be taken against the offender under the foregoing provisions of this Act.*

Dawn il-fatti u l-implikazzjoni legali ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 fil-konfront tar-Rikorrent gew ghal kollox injorati mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-konsiderazzjonijiet tieghu li minflok strah biss fuq ezami ghal kollox superficjali tal-kaz li kellu quddiemu. Fid-dawl ta' dan ghalhekk huwa evidenti li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tar-Rikorrent ma tistax tregi u ghandha tigi revokata u ghandha tinhareg favur ir-Rikorrent licenza ta' Gwardjan Privat.

It-Tribunal in fine josserva li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghhom l-intimati ressqu raguni ulterjuri ghaliex fil-fehma taghhom id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent b'ittra datata 1 ta' Lulju 2011 ma ghandhiex tigi revokata: *il-Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi mill-fedina penali ta' l-attur, jirrizulta illi dan kellu erba' incidenti li kagun taghhom ittella' il-Qorti, u dan bejn l-1974 u l-1984. Fi tlieta minn dawn l-erbgha incidenti, dan kien instab hati illi kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u bil-ponta minghajr il-permess necessarju minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Fl-incident l-iehor, dan kien instab hati li kellu fil-pussess tieghu droga, u li ddispona minnha illegalment. Jekk wiehed jara l-incident li tieghu kien gie kkundannat fis-16 ta' Lulju 1984, jinduna illi f'dak il-kaz partikolari, l-attur kien gie misjub hati illi kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Butler, fost affarijiet ohra. L-esponent hawn hekk jirreferi lil dan l-Onorabbli Tribunal ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn inter alia, dan is-subartikolu jiskwalifika lil kull min wettaq "offiza gravi fuq il-persuna" milli jkollu licenzja ta' Gwardjan Privat ghal dejjem, u dan peress illi fejn il-legizlatur ried li applikant jerga' jkollu cans japplika wara certu zmien, illegizla f'dan is-sens – vide subartikolu 10(1)(v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 389, l-attur xorta wahda ma hux intitolat ghall-licenzja ta' Gwardjan Privat, u l-esponent Kummissarju tal-Pulizija xorta ma jistax jigi ordnat sabiex johrog din il-licenzja, skont kif qieghed jintalab mill-attur fit-tieni talba tar-rikors tieghu*[24]. L-intimati jikkonkludu s-sottomissjonijiet taghhom bil-mod segwenti *ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti jissottomettu illi preliminarjament, l-esponent Ministru ghall-Intern u Affarijiet Parlamentari ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet ta' l-attur, u fil-mertu l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi kif intqal, id-decizjoni ttiehdet fil-parametri moghtija mill-ligi, u li fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici xorta ma jistghux jintlaqghu ghaliex l-attur huwa projbit milli jkollu tali licenzja skont is-subartikolu 10(a)(i). Konsegwentement*

---

[24] Para. 3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-intimati a fol. 56 sa' 60 tal-process.

*jigi sottomess illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess attur*[25].

Huwa evidenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghhom l-intimati qed jaghtu raguni ohra bbazata fuq l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre dik moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija fid-decizjoni notifikata lir-Rikorrent bl-ittra ta' l-1 ta' Lulju 2011, ghalfejn skonthom u partikolarment skont il-Kummissarju tal-Pulizija t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat ghandha tigi michuda. It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li dan l-agir ta' l-intimati jmur ghal kollox kontra l-principji tal-gustizzja naturali in kwantu ressqu raguni ulterjuri ghac-cahda tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat fl-istadju ahhari tal-proceduri u meta l-provi tal-partijiet kienu già maghluqa b'mod li r-Rikorrent ma kellux l-opportunità jirribatti ghal tali kontestazzjoni gdida da parte taghhom.

Dan it-tip ta' komportament da parte ta' l-intimati huwa ghal kollox inaccettabbli w intollerabbli fi kwalunkwe aspett tad-Dritt legali u iktar u iktar fid-Dritt Amministrattiv fejn *it is not ordinarily open to a decision maker, who is required to give reasons, to respond to a challenge by giving different or better reasons. There is always the danger that the decision-maker in giving supplementary reasons may drift 'perhaps subconciously, into ex post facto rationalisation' of the decision. Thus decision makers should not be given 'a second bite at the cherry'. European law requires reasons to be given with the decision*[26]*.* Kuntrarjament ghall-kaz ta' rifjut ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat a bazi ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz ta' rifjut a bazi ta' l-Artikolu 10(a) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, il-Kummissarju tal-Pulizija necessarjament kellu jaghti dik ir-raguni, kemm-il darba realment fondata, fid-decizjoni tieghu u mhux johrog biha biss f'gheluq il-proceduri u b'hekk jissorpreni lir-Rikorrent b' konsiderazzjonijiet godda li ma jistax jirribatti ghalihom.

---

[25] Para. 10 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-intimati a fol. 56 sa' 60 tal-process.
[26] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 441.

L-agir ta’ l-intimati effettivament icahhad lir-Rikorrent mid-dritt ghal smigh xieraq, dritt protett mhux biss fil-kamp tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Findamentali izda anke fil-kamp tad-Dritt Amministrattiv. Fil-ktieb **Administrative Law** jinsab osservat li *a proper hearing must always include a ‘fair opportunity to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: “If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them.” … Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly included in the right to a fair hearing by calling it the right ‘to notice and hearing’*[27]*.* Ma hemmx dubju ghalhekk li t-Tribunal ma jistax jippermetti u jittollera dan it-tip ta' agir hekk proceduralment skkorrett.

Bla pregudizzju ghal dak kollu appena osservat, it-Tribunal josserva li fi kwalunkwe kaz ir-raguni issa avvanzata mill-intimati, partikolarment mill-Kummissarju tal-Pulizija, bhala raguni ulterjuri ghalfejn it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat ghandha tigi michuda, hija legalment infondata u konsegwentement ma tistax tregi. Kif già iktar ‘l fuq rilevat bis-sentenza tas-16 ta’ Lulju 1984, fejn gie applikat l-Artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 fil-konfront tar-Rikorrent, il-Qorti ta’ kompetenza kriminali trattat mar-Rikorrent ghar-reat ta’ offiza gravi fuq il-persuna billi lliberatu bil-kondizzjoni li ma wettaqx reat iehor fi zmien sena mid-data ta’ dik is-sentenza, u l-liberazzjoni bla kondizzjoni jew kondizzjonali kienet già dak iz-zmien ikkunsidrata bhala *not to be a conviction for any purpose whatsoever other than the purposes of the proceedings in which the order is*

[27] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 428.

*made and of any subsequent proceedings which may be taken against the offender under the foregoing provisions of this Act*.

B’hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-intimati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, inkluz tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Rikorrent ma jistax jitqies li nstab hati ta’ reat ta’ offiza gravi fuq il-persuna. L-intimati u in partikolari l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi, anke kif applikabbli fl-1984, ghas-sentenza tas-16 ta’ Lulju 1984. Kemm-il darba l-pretensjoni ta’ l-intimati f' tali rigward kellha tigi milqugha u accettata mit-Tribunal jkunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta’ kulhadd.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-Appell interpost mir-Rikorrent fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa gustifikat u b’hekk ghandu jigi milqugh u d-decizjoni tal-Kummissarju notifikata lilu b’ittra datata 1 ta’ Lulju 2011 tigi revokata, u konsegwentement skont l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Kummissarju tal-Pulizija johrog licenza ta’ Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimati u jillibera lill-Ministeru ta’ l-Intern u Affarijiet Parlamentari mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ l-Appell tar-Rikorrent kif interpost fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju fil-konfront tar-Rikorrent notifikata bl-ittra datata 1 ta’ Lulju 2011 u konsegwentement jordna l-hrug tal-licenza ta’ Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------